# Ix-xogħol ta' restawr fuq il-pedestall ta' San Ġużepp



Ruben Camilleri Cauchi, *restawratur*

F'Mejju tas-sena 2018 beda ix-xogħol ta' restawr fuq il-pedestall ta' San Ġużepp billi l-ewwel ġiet analizzata aħjar il-kundizzjoni li kien jinsab fiha u ttieħdu diversi ritratti fid-dettall. Mal-ewwel daqqa t'għajn wieħed seta' jara li l-istat tal-qoxra tal-ġibs kien ħażin ħafna. Dan il-pedestall, apparti l-partijiet bid-deheb, għandu l-partijiet li ġeneralment ikunu matti miżbugħa bil-kuluri. (Ritratt n.1) Din il-problema kienet tidher sew f'kull parti, sew dik indurata u sew dik miżbugħa.

F'opri indurati bid-deheb bis-sistema tal-boll li nsibu fil-knejjes tagħna, bħalma hu dan il-pedestall, wara ħafna żmien jibda jidher dak il-lewn ħamrani, il-kulur tal-boll li jinsab eżatt taħt il-folja tad-deheb. Dan jiġri għax il-folja tad-deheb titneħħa kważi kollha u jibda jidher dak ta' taħtha. Fix-xfar u l-ponot tad-disinni mhux talli deher il-boll, iżda saħansitra telaq dan ukoll u dehret il-bażi tal-ġibs. (Ritratt n.2) Żmien ilu ma kinitx teżisti varniċetta għall-induratura bil-boll u għalhekk dawn il-partijiet bid-deheb ma kinux ivvarniċjati. B'hekk, dawn il-partijiet bid-deheb ikunu aktar esposti għall-ħsara. U billi l-folja tad-deheb hi rqiqa ħafna, dawn il-partijiet ikunu tant fraġli li jispiċċaw bla deheb u għalhekk nużaw l-espressjoni: *neża' mid-deheb.*

Iżda l-akbar ħsara li kellu dan il-pedestall kienet l-problema li l-qoxra tal-ġibs li jkun hemm fuq l-injam, il-bażi tal-induratura u ż-żebgħa, spiċċat għal kollox. Dan kien qed jissepara minn mal-injam u jfaqqa'. Din hi problema serja u kienet tidher sew ma' kullimkien, f'dawk il-partijiet fejn hemm irqajja' mtajra u jidher l-injam. (Ritratti nn.1 u 2) Dan il-pedestall għamel xi żmien sew jintrefa' f'post fejn kien hemm umdità kbira u ġarrab ħsara enormi. Il-pedestall hu magħmul minn biċċiet tal-injam, imwaħħal flimkien permezz tal-kolla tal-ġlud u bl-imsiemer, peress li dakinhar ma kinitx teżisti l-kolla tal-mastrudaxxa li għandna llum. Għalkemm hu naturali li l-injam jiċċaqlaq skont il-kundizzjonijiet atmosferiċi, f'ambjent ta' umdità kbira. L-injam jiċċaqlaq b'mod esaġerat, il-kolla tal-ġlud tispiċċa u titlef is-saħħa kollha tagħha, u l-imsiemer isaddu u jifqgħu. Għalhekk il-pedestall kien mimli konsenturi kbar ħafna, bl-iskrataċ kollha maqlugħin flimkien ma' ħafna miċ-ċinet u l-gwarniċi. Il-ġibs tal-qoxra ta' barra, hu wkoll maħdum bil-kolla tal-ġlud, għalhekk



*Ritratt n.1*

meta l-kolla titlef is-saħħa tagħha, din il-qoxra tiddgħajjef u tibda tissepara minn mal-injam. Dan kollu għamel il-pedestall dgħajjef u fraġli ħafna, u hekk l-immaniġġjar tiegħu kompla kabbar il-ħsarat. Il-ħsara kbira li hemm fl-iskrataċ hi l-aqwa eżempju ta' dan għax naturalment hu l-aktar post li minnu jinqabad pedestall biex jitħarrek.

Kif wieħed jista' jimmaġina mill-ispjegazzjoni li għandi kif tajt, il-pedestall kien fi stat tant ħażin (speċjalment dik il-qoxra ta' barra), li ssalva dak li kien fadal ma kienx ikun jagħmel sens biex tasal għal xi tip ta' riżultat li jkun sodisfaċenti għal opra bħal din li tintuża regolarment. Id-deheb li jkun telaq m'hemmx mezz ieħor ħlief li tagħmel ieħor ġdid floku. U billi d-deheb hu materjal li jiswa ħafna flus, lanqas m'hu għaqli li wieħed jagħmel deheb ġdid fuq bażi mhix f'kundizzjoni tajba. Minħabba dawn ir-raġunijiet, ix-xogħol tal-qoxra ta' barra kellu jsir kollu mill-ġdid. Meta ssir bażi ġdida ta' ġibs għandek il-vantaġġ li x-xogħol fl-induratura bil-boll jista' jsir bl-aqwa mod, sew bħala riżultat kif ukoll biex id-deheb jeħel sew u ma jinżax.

Li tibda l-proċess tal-induratura mill-ġdid hemm vantaġġi oħra li tajjeb li wieħed jikkunsidrahom. Meta tneħħi l-ġibs il-qadim tkun tista' taħdem ħafna aħjar fuq il-bażi tal-injam; sew biex tittrattah kontra s-susa, sew biex tagħmel il-partijiet neqsin u anke biex tissoda partijiet li huma dgħajfa. U dan hu fundamentali f'każ bħal dan il-pedestall, fejn il-ħsara fl-injam hi enormi. Meta tibda mill-ġdid ikun jista' jsir ukoll *intellaggio* ġdid. Din hi ċarruta fina li titwaħħal fit-tgħaqqid tal-injam biex tgħin lill-ġibs meta l-injam jiċċaqlaq. L-*intellaggio* jgħin ħafna biex jillimita dawk il-konsenturi li jiffurmaw minħabba ċ-ċaqliq naturali tal-injam. Tajjeb li wieħed ikun jaf li li meta saru dawn ix-xogħlijiet il-materjal kien skars sew. Wieħed ma kienx isib l-għażla u l-varjetà t'injam li nsibu llum fis-suq, u l-biċċa l-kbira kienu jsiru bl-injam li jsibu. U dan kien jikkundizzjona u jillimita sew s-saħħa strutturali ta' dawn l-opri.



*Ritratt n.2*

Għalhekk l-ewwel ħaġa li saret f'dan il-pedestall kienet li tneħħa l-ġibs qadim kollu. Dan il-proċess isir b'attenzjoni kbira biex filwaqt li dan jitneħħa, fl-istess waqt issir attenzjoni kbira biex ma ssirx ħsara lill-injam, l-aktar lix-xfar. Wieħed jista' jara mir-ritratti li f'dan il-proċess il-pedestall jiġi qisu ġie mnaqqax fl-injam mill-ġdid (Ritratti nn.3 u 4). Kif inkixef l-injam stajna naraw aħjar il-ħsara fl-injam innifsu, bħall-biċċiet li jkunu jiċċaqalqu. Dawn jinqalgħu biex jerġgħu jitwaħħlu sew permezz tal-kolla l-bajda. Inkella aktar 'il quddiem, meta jingħata l-ġibs, dawn jikkaġunaw il-konsenturi. Kif wieħed jista' jara mir-ritratt 3, il-biċċiet tal-injam li jsawru d-dekorazzjoni tal-pedestall kważi reġgħu twaħħlu kollha mill-ġdid għax il-ħsara kienet tant kbira li dawn il-biċċiet iżżarmaw kollha biċċa biċċa. Fi kliem ieħor, inqalgħu ċ-ċinet kollha, il-frejmijiet ta' kull faċċata u l-iskrataċ ta' kull kantuniera. L-istess partijiet infushom li jkunu msawra minn



*Ritratt n.3*



*Ritratt n.4*

aktar biċċiet t'injam, bħalma huma l-iskrataċ, jinqalgħu biċċa biċċa u jerġgħu jitwaħħlu bil-kolla. Ħaġa oħra li ssir f'dan l-istadju hi li l-pedestall jitnaddaf mill-imsiemer kollha li jkunu jistgħu jinqalgħu, għax dawn biż-żmien ikunu ssaddu u jagħmlu l-ħsara. Dawn huma dawk it-tbajja' skuri li jidhru fl-injam. (Ritratt n.4)

Għalkemm il-problema tas-susa ma kinitx tant kbira, il-pedestall ġie trattat diversi drabi kontra s-susa, sew minn barra kif ukoll minn ġewwa. Imbagħad beda x-xogħol tal-preparazzjoni għall-induratura billi sar l-*intellaggio*. (Ritratt n.5) Biex jissaħħaħ aktar il-pedestall sarlu wkoll l-*intellaggio* minn ġewwa. Dan il-pedestall m'għandux roti, għalhekk twaħħlet biċċa njama dawra mejt li fuqha jitkaxkar. Din tkun irtirata mix-xifer ta' barra u biha jinħoloq ftit spazju ħalli x-xifer tal-ġibs ta' taħt ma jtirx.

Wara jibda jingħata l-ġibs f'diversi passati. Kif ingħata l-ġibs, ikun imiss il-proċess tal-ixkatlar u l-irfinar. Dan il-proċess hu importanti daqs l-induratura għaliex hu l-bażi li fuqha jitpoġġa d-deheb. Permezz tiegħu, toħroġ is-sengħa u l-kwalità tax-xogħol tal-induratura. Qabel jibda l-proċess tal-induratura jitpittru dawk d-disinni li



*Ritratt n.5*



*Ritratt n.6*

bihom huma mżejna l-gwarniċi u wara dawn jiġu mnaqqxa fil-ġibs. Hawn jitnaqqxu dettalji fid-disinni, bħalma huma x-xwieki fil-weraq u s-sinjali li jisseparaw il-partijiet indurati minn dawk miżbugħa.

Fl-aħħar jibda l-proċess tal-induratura fejn jingħata l-boll u jibda t-tqegħid tal-folja tad-deheb bis-sistema tal-boll (*water laid system*). Id-deheb użat kien dak ta' 22karat tal-aqwa kwalità. Biex inkunu leali lejn l-oriġinal, il-partijiet indurati saru jleqqu kollha, u l-bqija ġew miżbugħa bil-kulur. Meta tqaxxar dak li kien baqa' mill-ġibs il-qadim, apparti r-ritratti bħala referenza għall-kuluri oriġinali, żammejna wkoll qxur bil-kuluri oriġinali (mehmuża mar-rapport tar-restawrazzjoni). L-unika tibdil żgħir li għamilna biex il-pedestall jiġi iddekorat aħjar kien fl-isfond tad-disinni li jżejnu l-gwarniċi. Fejn qabel kien miżbugħ, aħna għamilnieh ukoll indurat. U biex id-disinni jinqalgħu aktar billi jinħoloq kuntrast, dan l-isfond ġie inċitillat. Din hi teknika fejn il-parti, wara li tiġi inbornita biex tleqq, tiġi wkoll immartellata permezz ta' bornatur għall-ponta, tikka fejn tikka. Tibdil minimu ieħor iżda għall-aħjar sar fid-disinni li kien hemm fil-penew li kienu saru wara u li ma kinux ta' ċertu livell għax kienu disinni tal-injam ippressat. Dawn tneħħew u nbiddlu m'oħrajn ġodda, imnaqqxa fil-injam, fuq disinn tiegħi. Dawn twaħħlu permezz ta' viti minn wara, biex minn quddiem ma jkunx jidher ras il-vit kif kienu qabel bl-imsiemer. (Ritratt 6)

Dan ix-xogħol kollu sar minni Ruben, minn missieri Mario u minn ħija Austin. Dan il-proċess kollu ta' restawrazzjoni kien lest għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju, f'Ottubru 2018. Nagħlaq billi nirringrazzjaw lill-Arċipriet Fr. Michael Curmi li afdalna dan il-proġett ta' restawrazzjoni.


# DWARDU
## Butcher Shop



Dun Xand Aquilina Street
Sannat VCT 112, Gozo.
**T. 21554980 / M. 99822693**
**e. agiusmark2@gmail.com**